# Il-Ħadd 07.04.2019

1. Illum 07/04, **il-Ħames Ħadd tar-Randan - JUM ĦAL SAFI**:
   - Fid-9:00am - Quddiesa bis-sehem tat-Tfal li għamlu l-Ewwel Qrara.
   - Fl-10:30am - Quddiesa b'ringrazzjament mal-Kunsill Lokali u l-Għaqdiet tal-Parroċċa u r-raħal tagħna. Wara l-Banda San Pawl tagħmel marċ sal-Uffiċċju tal-Kunsill.
   - Infakkar li għandna kaxxi għad-donazzjonijiet finanzjarji kif ukoll qfief madwar l-altar biex inġibu affarijiet li wara jingħataw lis-Segretarjat Assistenza Soċjali tal-Azzjoni Kattolika.
2. Matul din il-ġimgħa ser isir it-Tberik tal-Familji li joqgħodu:-
   - It-Tnejn, 08/04 PM: Triq id-Dolmen, Triq Ġwann Zammit, Triq in-Newba
   - It-Tlieta, 09/04 PM: Triq Dun Ġużepp Caruana
   - L-Erbgħa, 10/04 PM: Triq il-Kaċċaturi
3. L-Erbgħa 10/04: *Għal min jixtieq, speċjalment għaż-Żgħażagħ*:
   - Pellegrinaġġ għas-Salib tal-Għolja: Nibdew bil-Quddiesa tas-6:30pm fil-knisja tagħna, u wara, għas-7:15pm, nitilqu lejn is-Siġġiewi fejn nitilgħu lejn is-Salib tal-Għolja waqt li nagħmlu riflessjonijiet u talb. Min bi ħsiebu jiġi jinkiteb fis-Sagristija u jġib *torch* miegħu.
4. Il-Ħamis 11/04**, Jum ir-Rikonċiljazzjoni**:
   - *Filgħodu - Qabel u wara l-ħin tal-quddies. Filgħaxija - Mill-4:30pm 'il quddiem.*
   - Fis-5:45pm - Ċelebrazzjoni ta' Maħfra minn tal-MUSEUM u fis-6:30pm - Quddiesa.

   *N.B.* ***Naħsbu għal Qrara tajba u ma nħalluhiex għal nhar id-Duluri minħabba li aħna, s-saċerdoti jkollna quddies aktar mis-soltu u ma nkunux daqshekk disponibbli.***
5. Il-Ġimgħa 12/04, **Festa Devozzjonali tad-Duluri**:
   - *Filgħodu:-* Mis-7:00am sas-7:20am - Qrar; Fis-7:30am - Quddiesa
   - *Filgħaxija:-* Mill-4:30pm 'il quddiem - Qrar; Fil-5:30pm - Quddiesa

     Fis-6:30pm - Purċissjoni li tgħaddi minn:
     Misraħ il-Knisja, Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Triq San Ġorġ,
     Triq Ħlantun, Trejqet it-Twemmin, Triq San Tumas, Triq Ta' Ġawhar,
     Triq l-Iskola, Triq iż-Żurrieq, Misraħ il-Knisja għall-Knisja Parrokkjali.
     Wara l-Purċissjoni - Quddiesa kantata.
6. Is-Sibt 13/04:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fid-9:00pm tibda quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fil-11:00pm. Ser issir fil-knisja taż-żona pastorali tan-Nigret, ir-Rabat.
7. Il-Ħadd 14/04, **Ħadd il-Palm**:
   - Fit-8:45am - Nitilqu mill-Knisja, u ninġabru fuq iz-zuntier tal-knisja ta' Santa Marija.
   - Fid-9:00am - Jitbierek iż-żebbuġ u tingħata bidu għall-Purċissjoni li tgħaddi minn:
     Triq Santa Marija, Triq il-Kenn, Triq il-Menqa, Triq l-Iskola,
     Triq Dun Ġużepp Caruana, Misraħ il-Knisja, għall-Knisja Parrokkjali.
   - Fid-9:15am - Inkomplu bil-quddiesa li fiha t-tfal tal-katekiżmu joffru l-Karus ta' Mħabba.
   - Fis-7:15pm - Il-Kor 'Sine Macula', ser jorganizza l-**Ikla tal-Għid bir-rit Lhudi**, fis-Sala tal-Iskola Primarja - Ħal Safi. Biljetti u dettalji mingħand il-membri tal-Kor stess.
8. It-Tnejn 15/04:
   - Fis-7:30pm - **Via Sagra**, animata mis-*Safi Drama Group*, bi stazzjonijiet fiċ-Ċentru Parrokkjali u fil-misraħ u t-toroq prinċipali tal-parroċċa tagħna.
9. Avviżi oħra:
   - Min jixtieq jerfa' fid-Duluri mitlub jidħol jinkiteb fis-Sagristija.
   - Mill-Ġimgħa 12/04 jibda jkollna xi wirjiet marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa:
     - Il-Wirja mtella' mis-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Każin San Pawl fiċ-Ċentru Parrokkjali;
     - Il-Wirja mtella' f'garaxx nru 28, Triq Dun Ġużepp Caruana.
10. Matul din il-ġimgħa daħlu:-
    - € 5 bħala donazzjonijiet għall-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr. Grazzi.